32000D0784



# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta' l-4 ta' Diċembru 2000**

**li tirrikonoxxi fil-prinċipju l-kompletezza tad-dokument imressaq għall-eżami bir-reqqa bil-ħsieb possibbli li s-sustanza UBH 820; UR 50601 (*beflubutamid*) tiġi inkluża fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2000) 3648)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2000/784/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti [1], kif ġiet l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/68/KE [2], u partikolarment l-Artikolu 6(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 91/414/KEE (min issa 'l quddiem imsejħa "id-Direttiva") tipprovdi għall-iżvilupp ta' lista Komunitarja ta' sustanzi attivi li jistgħu jiġu awtorizzati biex jiġu inkorporati fi prodotti għall-ħarsien tal-pjanti.

(2) Inkartament dwar is-sustanza attiva UBH 820; UR 50601 (*beflubutamid*) tressaq min UBE Euro GmbH lill-awtoritajiet Ġermaniżi fis-27 ta' Ġunju 2000 bl-iskop li dan jiġi inkluż fl-Anness I tad-Direttiva.

(3) L-awtoritajiet Ġermaniżi indikaw lill-Kummissjoni li, wara eżami preliminari, l-inkartament jidher li jissodisfa l-ħtiġiet tad-*data* u l-informazzjoni ta' l-Anness II tad-Direttiva. Barra minn hekk, huma tal-fehma li l-inkartament jiġbor fih id-*data* u l-informazzjoni meħtieġa mill-Anness III tad-Direttiva rigward prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih dik is-sustanza attiva. Sussegwentament, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(2), l-inkartament intbagħat mill-applikant lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

(4) L-inkartament intbagħat lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fit-18 ta' Ottubru 2000.

(5) L-Artikolu 6(3) tad-Direttiva jeħtieġ il-konferma formali fuq livell Komunitarju li kull inkartament jiġi kkunsidrat li jissodisfa fil-prinċipju l-ħtiġiet tad-*data* u l-informazzjoni skond kif previst fl-Anness II u, almenu għal prodott wieħed għall-ħarsien tal-pjanti li jkollu s-sustanza attiva skond kif jitlob l-Anness III tad-Direttiva.

(6) Din il-konferma hi meħtieġa biex tippermetti li jsir l-eżami dettaljat ta' l-inkartament kif ukoll biex tippermetti lill-Istati Membri l-possibiltà li joħorġu awtorizzazzjoni proviżorja għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jkun fihom din is-sustanza attiva skond l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva.

(7) Din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax id-dritt tal-Kummissjoni li titlob lill-applikant iressaq *data* jew informazzjoni lill-Istat Membru relatur biex jiġu ċċarati ċerti punti fl-inkartament. It-talba għal aktar *data* u informazzjoni biex jiġi ċċarat l-inkartament m'għandhiex teffettwa ż-żmien stipulat biex jitressaq ir-rapport imsemmi fil-parti 9.

(8) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jaqblu li l-Ġermanja tkompli għaddejja bl-eżami dettaljat ta' l-inkartament fuq l-UBH 820; UR 50601 (*beflubutamid*).

[1] ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 276, tat-28.10.2000, p. 41.

(9) Il-Ġermanja għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-konklużjonijiet ta' l-eżamijiet waqt li jkun hemm magħhom rakkomandazzjonijiet dwar jekk dawn għandhomx jidħlu jew le flimkien ma' xi kondizzjonijiet relatati magħhom, malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn perjodu ta' sena mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inkartament imressaq mill-UBE Europe GmbH lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-ħsieb li jiġi inkluż il-UBH 820; UR 50601 (*beflubutamid*) bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, li kien intbagħat lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fit-18 ta' Ottubru 2000, jissodisfa fil-prinċipju l-ħtiġiet rigward id-*data* u l-informazzjoni kif previst fl-Anness II tad-Direttiva. L-inkartament jissodisfa l-ħtiġiet dwar id-*data* u l-informazzjoni skond l-Anness III tad-Direttiva rigward wieħed mill-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fih il-UBH 820; UR 50601 (*beflubutamid*), meta wieħed jikkonsidra l-użi proposti.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-4 ta' Diċembru 2000.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*